MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 151/2013

**X W**

**vs**

**L-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina**

**li b'digriet datat 12 ta' Dicembru 2013 gew nominati kuraturi deputati**

**sabiex jirrapprezentaw lill-assenti L M**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur X W li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-esponent u l-intimata L M kienu zzewgu fir-Registru ta' Kenitra fil-Marrokk fil-11 ta' Novembru, 2011, liema zwieg gie sussegwentement irregistrat f'Malta.

Illi ghalkemm l-esponent kien izzewweg lill-intimata bi skop genwin biex jibni familja maghha, jidher illi da parti tal-intimata ma kienx hemm dan l-iskop izda jidher li kellha biss l-iskop illi titlaq minn pajjizha u tigi tghix hawn Malta.

Illi tant hu hekk illi z-zwieg lanqas biss gie kkunsmat u qatt ma kien hemm ebda kuntatt karnali bejn il-partijiet.

Illi oltre dan jidher car illi l-esponenti kkuntratt iz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva ta' elementi fundamentali illi fuqu ghandu jkun imsawwar iz-zwieg fosthom l-imhabba, il-kongungiment karnali, il-fedelta' u 1-iskop illi tibni familja, u dan kif anke ampjament ippruvat mill-annessi affidavits tal-partijiet.

Illi oltre dan id-decizjoni li jigi celebrat iz-zwieg kienet wahda affrettata u ttiehdet minghajr gharfien xieraq tal-obbligazzjonijiet u r-responsabilitajiet naxxenti miz-zwieg specjalment min-naha tal-intimata;

Illi l-kunsens tar-rikorrent kien ukoll ivvizzjat minhabba zball fuq 1-identita' tal-intimata' u qerq fuq kwalita' tal-parti l-ohra li minnha nnifisha tfixkel serjament il-hajja mizzewga fis-sens illi huwa kien minghalih li qed jizzewweg persuna li verament riedet tkun mieghu mentri fir-realta' kien qed jizzewweg lil xi hadd li ma kellha ebda skop illi tghix mieghu u tibni familja mieghu izda biss biex tuzah u tittradih;

Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubju illi dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat bhala null u bla ebda effett u dan a tenur tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali u/jew a tenur ta' paragrafi (b) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (e) u/jew (f) tal-imsemmi artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti -:

(i) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara u tippronunzja illi z-zweg celebrat bejn ir-rikorrent X W u l-intimata assenti L M fir-Registru ta' Kenitra fil-Marrokk fil-11 ta' Novembru, 2011, liema zwieg gie sussegwentement irregistrat f'Malta, huwa null u bla ebda effett a tenur tal-artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod generali u/jew a tenur ta' paragrafi (b) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (e) u/jew (f) tal-imsemmi artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

u

(ii) konsegwentement tordna li ssir l-annotazzjoni appozita f'kull certifikat relattiv ghall-istat tar-rikorrent X W.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni .

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti.

Rat l-atti.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

L-attur X W xhed bil-mezz tal-affidavit. Jghid hekk:-

*“Jiena kont naf lil certa Amina li hija Marokkina mizzewga hawn Malta. Darba minnhom kont qed nitkellem maghha u urejtha x-xewqa illi niltaqa ma ' tfajla u hi kienet qaltli li kellha*

*kugina taghha Marokkina li ma kinitx mizzewga u li jista' jkun li tkun interessata li ssir tafni. Jiena ghalhekk thajjart u din Amina kienet tatni d-dettalji taghha biex stajt naraha fuq 'face book , u minn hemm kont sirna hbieb fuq l-'internet' u bdejna nitkellmu kif stajna ghax jien hlief bil-Malti u Ingliz ma nafx waqt li hi izjed kienet taf titkellem bil-Franciz.*

*Jiena kont hadt grazzja maghha mir-ritratti li rajt u kont iddecidejt li mmur niltaqa' maghha fil-Marokk. Hi tghix mal-genituri taghha fil-belt ta' Kenitra. Meta mort hemm konna ltqajna u domt hemmhekk ftit gimghat li fihom konna niltaqghu ghalkemm mhux ta' kuljum. Jiena kont nghix f'appartament bil-kera f'Casablanca.*

*Minn Casablanca kelli saghtejn boghod bil-karozza biex immur Kenitra niltaqa ' maghha. Jiena qatt ma ltqajt maghha wahedna izda dejjem fid-dar tal-genituri taghha ghax ma kinux ihalluha tohrog wahedha.*

*Min-naha tieghi kien hemm gibda lejha pero lilha ma kotnx naraha taghti kazi wisq pero kont nahseb li dan kien minhabba l-fatt li kienet tisthi mill-genituri taghha.*

*Jiena xtaqt illi nibqa' maghha u ghalhekk l-uniku mezz li kien hemm biex ahna nkunu flimkien u biex hi tohrog minn pajjizha kien illi nizzewgu. L-arrangament biex nizzewgu sar kollu mal-genituri taghha u mhux maghha u kont anke tajthom elf Ewro (€1,000) bhala dota kif inhija l-uzanza u sa fejn naf jien anke l-ligi taghhom.*

*Ahna konna zzewwigna fir-Registru ta ' Kenitra f'dik l-ewwel darba illi kont mort naraha. Dan kien fil-11 ta' Novembru. 2011. Illum meta nhares lura nirrealizza illi ghaggilt daqsxejn pero jiena kont ingbidt lejha u nistqarr li ma tantx kont hrigt wisq ma' tfajliet u allura x-xewqa li niehu 1-istat tieghi kienet kbira.*

*Imbaghad kont irritornajt Malta u ghamilt l-arrangamenti kollha biex hi tkun tista ' ggib 'exit visa' halli tohrog mill-Marokk u tigi tghix mieghi. Hawn iltqajt ma ' hafna problemi imma finalment wara madwar 6 xhur kien irnexxieli ngibilha dil-visa u ghalhekk ergajt tlajt il-Marokk halli hi tinsel mieghi u ma tigix wahedha. Fil-Marokk did-darba qghadt ghand il-genituri taghha imma fi kmamar separati u anke meta gejna Malta ghalkemm konna mizzewgin bir-Registru f'Kenitra u daz-zwieg anke rregistrajtu f'Malta, xorta wahda bqajna nghixu fi kmamar separati ghaliex hi ma riditx illi jkollha x 'taqsam mieghi sesswalment.*

*Jien kif rajt hekk hassejt li kien hemm xi haga hazina imma ghall-ewwel ghidt naghtiha flit cans sakemm tidra. Imbaghad darba minnhom qaltli biex ingibilha linja tal-internet fuq il-mobile ghax hi kienet taghmel uzu mill-mobile tieghi. Qaltli li dan riditu biex tikkomunika ma' niesha fil-Marokk. Meta applikajt kienu tawni kont li minnu intbaht li kienu saru hafna telefonati lejn il-Germanja u jiena kont ikkonfrontajtha u hi ammettiet illi kienet qed iccempel wiehed guvni Marokkin li kient tafu u li kien mar jghix il-Germanja.*

*Jiena irrabjajt hafna u ghidtilha li ladarba ma riditx lili u ma riditx li jkollha x 'taqsam mieghi sesswalment ma kien hemm ebda skop li tibqa' mieghi u ghalhekk ghamilt l-arrangamenti biex hi tmur lura f'pjjizha. Fil- fatt sakemm ghamilt dawn l-arrangamenti hija ma baqghetx tghix mieghi fid-dar tal-genituri tieghi f'Birkirkara u kient marret toqghod ma' kuginitha fil-Hamrun. Illum hija rritornat lura lejn il-Marokk.*

*Jiena nikkonferma illi dan iz-zwieg qatt ma gie kkunsmat u qatt ma kellna x'naqsmu sesswalment flimkien."*

Omm l-attur, Miriam W xehdet hekk:-

*"Jiena nigi omm X W. Li nista' nghid li meta t-tifel tieghi zzewweg lil L li hija Marrokkina la jiena u lanqas ir-ragel tieghi jew hutu ma konna nafu bdan minn qabel peress li X kien mar jizzewweg gewwa 1-Marrokk u lanqas biss kien qalilna li tiela ' jizzewweg.*

*Jiena u r-ragel tieghi lanqas biss konna nafu li qed ikellem tfajla mill-Marrokk u ghalina huwa kien sejjer vaganza mall-hbieb gewwa l-Marrokk. Imbaghad niftakar li huwa kien cempel id-dar u qalli li kien izzewweg Marrokkina. Jiena bqajt mistghagba u ksahr ghax bhal speci huwa qalli li kien sejjer vaganza u lanqas biss kont naf li qed ikellem tfajla.*

*Imbaghad wara ftit granet X kien gie lura Malta u rranga l-affarijiet minn Malta biex tigi hija ukoll. Madwar sitt (6) xhur wara X kien tela l-Marrokk u hija kienet giet mieghu lejn Malta. Kien hemm hekk li ahna ltqajna maghha peress X kien joqghod maghna d-dar u meta L giet mill-Marrokk huma kienu t-tnejn joqghodu maghna taht l-istess saqaf gewwa Birkirkara.*

*Jiena kont inkwetata ghat-tifel X peress li ghalkemm hija kienet toqghod maghna ahna ma konnix nafuha u huma ma kienux jidhru li qed jghixu bhala mizzewgin. Dan nghidu peress li X u L lanqas biss kienu jorqdu flimkien izda kellhom kamra separata u apparti minn hekk fil-hin li kont narhom flimkien lanqas kien hemm karezzi bejniethom anzi hija qisha dejjem tirrabja mieghu.*

*X kien jiehu hafna pacenzja biha u kien jipprova jikkuntenta minn kollox imma hija lanqas biss kienet taghti kazu kif suppost taghmel il-mara mar-ragel taghha. Jiena ghalkemm kont nara dawn l-affarijiet qatt ma ndhalt bejniethom peress li X kien jghid li ridna naghtuha cans sabiex tidhra ftit u huwa kien qisu qed jiehu pacenzja sabiex hija tidra lill-familja taghna.*

*Hija kienet ghamlet madawar hmistax-il gurnata tghix maghna, imbaghad niftakar li X kien iggieled maghha u hija marret tghix ximkien il-Hamrun. Imbaghad X kien qalli li hija riedet tmur lura pajjizha u jiena stess kont hallastilha l-passagg biex tmur lejn pajjizha ghax hija ma kelliex flus u dak iz-zmien lanqas X ma seta' jhallas ghax kien hallas hafna flus biex jaghmel l-arrangamenti u jizzewwigha u sabiex imantniha."*

L-attur ipprezenta wkoll l-affidavit tal-konvenuta L M li jaqra kif gej:-

*"I married X W, a Maltese citizen, in Morocco on the 11th November, 2011.*

*Before marrying him I had known him for a very short period of time. My cousin Amina who lives in Malta knew X W and she had introduced me to him through the internet and we used to speak a bit on the internet.*

*Then X W had come to visit me in morocco and stayed there for a short period of time during which time we used to meet regularly and we would communicate in English or Maltese but not very well.*

*X W wanted to marry me and set up a family in Malta and he wanted me to come to Malta with him. I accepted and so we got married in Morocco so that I could go to Malta with X W.*

*When I finally went to Malta on the 9th of July, 2012 I went to live with him at his mother's house but I felt very uncomfortable with him as I was not at all attracted to him.*

*In this time we never had any sexual contact and the marriage, was never consummated. I did not even kiss my husband even though he was very attracted to me.*

*Then I left his house and went to live with my cousin Arnina for a few days before I return back horne to Morocco next Tuesday.*

*I am very sorry for what happened but this was no marriage at all. I liked the idea of coming to live in Malta but unfortunately this did not work out at all."*

Ikkunsidrat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

***Onus probandi ei qui dicit non ei qui negat.***

In tema ta' dritt generali dwar iz-zwieg meqjus bhala istitut ta' ordni pubbliku, l-Qrati Maltin kostantement irritenew illi "ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn m'aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni, imma f'kamp l-iktar delikat u serju, u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccjożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat, pero` dan ma għandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubbju" (**Anna Tonna vs Alexander Tonna deciża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru 1991**).

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (27 ta' Jannar 2006):iddikjarat:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe` li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe` li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."

**Kawzali tal-Attur**.

Wahda mill-kawzali tal-attur hija msejsa fuq l-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi zwieg huwa null jekk jirrizulta illi ***l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.***

Fil-kawza "**Gemma Cassar vs Graham Cassar**" deciza mill-**Qorti tal-Appell** fil-**31 ta' Ottubru 2008** gie dikjarat illi sabiex il-Qorti tannulla zwieg ai termini tas-sub inciz indizamina irid jirrizulta li "….xi parti ssimulat il-kunsens taghha billi esternament ghaddiet minn cerimonja ta' zwieg izda nternament, b'att pozittiv tal-volonta` taghha, eskludiet iz-zwieg jew wiehed mill-obbligi matrimonjali essenzjali, li fil-gurisprudenza assodata huma dawk derivanti minn unjoni permanenti u esklussiva, bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal."

Applikati dawn il-principli legali ghal kaz in ezami jirrizulta s-segwenti.

Il-partijiet iltaqghu ghall-ewwel darba b'mod virtwali fuq l-internet.  Il-konvenuta kienet tghix f'rahal li jinstab saghtejn karrozza boghod minn Casablanca. Peress li l-attur kien ha grazzja mal-konvenuta mar fil-Marokk sabiex jiltaqa' maghha. Il-konvenuta kienet toqghod mal-genituri taghha u fiz-zmien li l-attur dam hemmhekk huwa qatt ma hareg maghha wahedha  Fil-fatt lanqas kienu jiltaqghu kuljum. Izda minhabba li jirrizulta li l-attur kellu diffikulta' gewwa Malta li jistabbilixxi relazzjoni amoruza bl-iskop ta' zwieg, huwa ried illi dak l-inkontru gewwa l-Marokk jikkonvertih ghal relazzjoni matrimonjali. Huwa ghalhekk talab lill-genituri taghha sabiex jizzewwigha. Jghid li biex accettaw huwa hallashom somma ta' flus ekwivalenti elf ewro (€1,000) bhala dota.  Kien ghalhekk illi huwa izzewweg lill-konvenuta fir-Registru Civili ta' Kenitra. L-attur gie lura Malta sabiex jirregistra z-zwieg hawn Malta u jinbeda l-process sabiex jottjeni l-permessi necessarji sabiex il-konvenuta tkun tista' tigi

Malta. L-attur spjega illi dan ma kienx facli u l-process ha madwar sitt xhur. Meta nbaghad harget il-visa mill-awtoritajiet Maltin il-konvenuta setghet tigi hawn Malta.

Ix-xhieda tal-attur u dik tal-konvenuta korroborata mix-xhieda ta' omm l-attur jikkonfermaw illi meta l-konvenuta giet Malta hija mill-ewwel uriet li ma kellha l-ebda intenzjoni li tghix hajja ta' mara mizzewga mal-attur. Ghalkemm kienu joqghodu ghand omm l-attur, il-konvenuta irrifjutat li tkun intima mal-attur tant li insistiet li jkollha kamra tas-sodda ghaliha, kif fil-fatt sar. Din is-sitwazzjoni anomala giet malajr fi tmiema peress li l-attur skopra li l-konvenuta kienet qeghda tikkomunika ma' ragel gewwa l-Germanja u kien ghalhekk irrizultalu li l-konvenuta qatt ma kellha l-intenzjoni li tizzewgu u tifforma familja mieghu. Kien ghalhekk li l-konvenuta telqet mid-dar ta' omm l-attur u ghal ftit zmien marret tirrisjedi ma' membru tal-familja estiza taghha li tghix hawn Malta sakemm irritornat lura lejn il-Marokk u qatt ma giet lura Malta.

Jidher bic-car illi l-konvenuta mill-bidu nett qatt ma kellha l-intenzjoni li tizzewweg lill-attur u tghix hajja matrimonjali mieghu. L-accettazzjoni tal-konvenuta li tizzewweg lill-attur kienet unikament instigata mill-herqa taghha li titlaq mill-Marokk u tmur tghix hajja mhux mal-attur izda 'l boghod mill-attur f'pajjiz iehor tal-Ewropa.

Il-fatt li l-partijiet izzewgu wara ftit granet li ltaqghu fizikament abbinat mal-fatt li l-inkontri ta' bejniethom kienu dejjem flimkien mal-familja taghha huwa indikattiv illi l-attur ma kellux mezz jinduna bil-veri intenzjonijiet tal-konvenuta. Il-Qorti tikkonkludi ghalhekk illi gie sodisfacentement ippruvat li fil-mument li l-partijiet izzewgu fil-Marokk, il-konvenuta kienet qed teskludi pozittivament iz-zwieg innifsu minn mal-attur.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet attrici u tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti billi,

1. Tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn l-attur X W u l-konvenuta L M fir-Registru ta' Kenitra fil-Marokk fil-11 ta' Novembru 2011 huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li ssir l-annotazzjoni appozita f'kull att tar-Registru Pubbliku relattiv għall-istat tal-attur X W.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------